**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 303/15AM

Numru fuq il-Lista: 23

**GO plc – C22334**
**Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Emma Amanda Lidberg (ID 54282A)**
**View Crt Garden, Flat 4,**
**Triq il-Knisja,**
**San Giljan**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-16 t' April, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' talbet il-hlas ta' disa mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€945.62c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40159627 moghtija mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz tal-affafidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici ghadu dovut u ma thallasx lanqas in parte.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€945.62c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**